MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1591/2005

**Melita Insurance Agency Limited**

**vs**

**Toys 'N Kids Limited u**
**Spells Limited u**
**Leisure Stores Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' sebgha mija u sittax il-lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm716.35) rapprezentanti bilanc ta' premium ghal polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici favur is-socjetajiet konvenuti, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja datat 3 ta' Mejju 2005 u tal-mandat ta' sekwestru.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici waqt is-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha gew ceduti l-atti tal-kawza fil-konfront biss tas-socjeta Spells Limited.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici waqt is-seduta ta’ llum 21 ta’ Novembru 2005 li permezz taghha gew ceduti l-atti tal-kawza ukoll fil-konfront tas-socjeta Leisure Stores Limited.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta Toys ‘N Kids Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta Toys ‘N Kids Limited giet notifikata b’l-avviz fil-5 ta’ Settembru 2005 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta Toys ‘N Kids Limited thallas is-somma ta’ sebgha mija u sittax il-lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm716.35) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------